MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 70/2005

**Joseph 755759(M) u Mary Gracie 652858(M) konjugi Camilleri**

**Vs**

**Paul Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm265.14c) rapprezentanti hsarat li huma garrbu f'incident awtomobilistiku li gara r-Rabat fl-10 ta' Mejju, 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAD 592 habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBC 476 proprjeta' ta' l-atturi u misjuqa mill-attrici Mary Gracie Camilleri ghal liema ncident il-konvenut

kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba ta' l-atturi ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' PC 156 Francis Abela, Mary Gracie Camilleri, Joseph Camilleri, Emanuel Galea, Darenia Camilleri u Paul Galea.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni sehhet fi Triq Ghajn Kajjet limiti tar-Rabat / Bahrija. Iz-zewg vetturi kienu miexjin f'direzzjoni opposta ta' xulxin.

Triq Ghajn Kajjet hija triq li sserrep u hija wiesgha bizzejjed biex jghaddu zewg karozzi magenb xulxin.

Mary Gracie Camilleri kienet qieghda ssuq vann 2-door bin-numru ta' registrazzjoni IBC 476 sejra mid-direzzjoni tal-Bahrija lejn ir-Rabat mentri l-konvenut kien qed isuq landrover bin-numru ta' registrazzjoni KAD 592 sejjer fid-direzzjoni opposta.
Mary Gracie Camilleri ssostni illi hija kienet qieghda ssuq fuq in-naha taghha tat-triq u f'daqqa wahda rat il-landrover gej fid-direzzjoni opposta taghha, dan skiddja u bil-parti ta' wara tal-landrover fejn ghandu t-tapp tat-tank tad-diesel huwa laqat il-genb tal-karozza taghha. Hija mbaghad ghafset il-brake u waqfet. Qabel l-incident hija tghid illi ma kisritx 'il gewwa u lanqas m'ghafset il-brake presumibilment ghax deherilha li z-zewg vetturi setghu jghaddu magenb xulxin.

Il-konvenut jghid illi huwa kien qed isuq u f'daqqa wahda jghid li ra l-vettura ta' Camilleri gejja quddiemu, jigifieri kienet *wrong side* ghalhekk huwa ghafas il-brake izda billi kienet ix-xita u t-triq kienet imxarrba l-karozza tieghu skiddjat u laqtet il-vettura ta' Camilleri fil-parti tal-genb taghha.

Jirrizulta li wara l-incident il-konvenut accetta r-responsabbilta' w anki ghamel il-claim u l-assigurazzjoni tieghu kienet sejra thallas, izda din l-assigurazzjoni falliet u ghalhekk ma giex effettwat il-hlas u b'hekk saret il-kawza odjerna, ghalkemm jinghad ukoll illi t-Tribunal m'huwiex qieghed jiddeciedi l-mertu tal-kawza abbazi tad-decizjoni li hadet l-assigurazzjoni izda l-kawza qed tigi deciza abbazi tax-xhieda mressqa quddiemu.

Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi Mary Gracie Camilleri kienet qieghda ssuq fuq in-naha taghha tat-triq.  It-triq kienet wiesgha bizzejjed biex jghaddu zewg vetturi magenb xulxin fid-direzzjoni opposta ta' xulxin.  Jidher car illi l-kollizjoni sehhet fin-naha tat-triq ossija fil-karreggjata li kienet qieghda ssuq Mary Gracie Camilleri u b'hekk ir-rizultat li johrog huwa li kien il-konvenut li nvada fuq in-naha tal-karreggjata ta' Camilleri.

Il-konvenut isostni li l-kollizjoni sehhet ghaliex huwa skiddja.  Huwa stabbilit illi skidding fih innifsu huwa t'effett newtrali fil-kamp guridiku u biex l-iskidding ikun ta' difiza wiehed irid jara l-kawza ta' tali skidding.  Il-fatt li t-triq kienet imxarrba m'hijiex difiza sufficjenti.  Il-konvenut kien obbligat li jsuq bil-galbu u jiehu l-prekawzjonijiet xierqa w opportuni biex ikun jista' jikkawtela ghall-eventwalitajiet kollha li jigu quddiemu.  Jidher car illi meta huwa ghafas il-brake u l-vettura tieghu skiddjat huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u b'hekk sehhet il-kollizjoni u ghalhekk ghandu jerfa' r-responsabbilta' ta' l-incident.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni dawn ma gewx ikkontestati u inoltre dawn jinsabu debitament ikkorroborati bid-dokumenti esebiti li gew ikkonfermati bil-gurament.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm265.14c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------